**Parlament Ewropew**

2014-2019

**TESTI ADOTTATI**

## P8_TA(2016)0241

# Kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tar-reġimi ta' proprjetà ta' koppji internazzjonali ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet dwar ir-reġimi ta' proprjetà ta' koppji internazzjonali, li tkopri kemm ir-reġimi ta' proprjetà matrimonjali u kemm l-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati (08112/2016 – C8-0184/2016 – 2016/0061(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (08112/2016),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 329(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0184/2016),

– wara li kkunsidra l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 326 u 327 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 85 u l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0192/2016),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet dwar ir-reġimi ta' proprjetà ta' koppji internazzjonali, li tkopri kemm ir-reġimi ta' proprjetà matrimonjali u kemm l-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.